# QORTI CIVILI PRIM' AWLA
# ONOR. IMHALLEF
# JOSEPH R. MICALLEF

**Illum il-Hamis, 6 ta' Frar, 2014**

Fl-Atti Tar-Rikors Mahluf: 1038/2013JRM

Fl-ismijiet:

**Av Dr Tanya Sciberras Camilleri noe**

**Vs**

**Onorevoli Dr Emanuel Mallia et**

**Kevin Mahoney minn jeddu bil-gurament tieghu bil-Malti jghid:**

**Dr Victoria Buttigieg:** Sur Manhopney tghidilna x'kariga ghandek u kemm ilek tokkupa din il-kariga jekk joghgbok?

**Xhud:** Bhalissa nokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali w ilni mis-26 ta' Marzu 2013.

**Dr Victoria Buttigieg:** Mela naghmillek referenza ghall-public service concession for individual investor programme, tispjega ftit meta harget din il-koncessjoni pubblika u x'kien hemm bzonn isir sabiex persuna li tkun interessata tkun tista' taghmel l-offerta taghha.

**Xhud:** L-ewwel darba li deher l-avviz kienet fil-gurnali tal-21 ta' Gunju 2013, u l-avviz kien jistipula li min kellu interess li jissabmittja t-tender jew d-dokumenti f'dan il-programm kellu jikkomunika mieghi u kien hawn l-email, kien hawn l-indirizz ta' l-email u t-telefon number

jikkomunikaw mieghi biex imbaghad jien ninfurmahom next step xi jrid isir u dan kien deher fil-21 ta' Gunju 2013.

**Qorti:** Ix-xhud qieghed jintwera d-dokument A li jinsab f'pagna 12 tal-process.

**Xhud:** Iva nikkonferma

**Dr Victoria Buttigieg:** Issa meta ghadda dan l-istadju persuna kkomunikat mieghek sabiex turik li hija interessata, x'kien imiss imbaghad?

**Xhud:** Mela, malli wrew l-interess il-bidders rispettivi li kien hemm jien bghattilhom ittra, kienet a standard letter, jekk il-Qorti tkun tixtieqha nista' nipprezentaha wkoll fejn fihom kont qed ninfurmahom li jekk kellhom interess f'dan il-programm riedu jissottomettu hlas ta' mija u hamsa u ghoxrin Ewro u flimkien ma dokument iffirmat min-naha taghhom li kont nipprezentahulhom jien li kien il-confidentiality agreement, ladarba l-confidentiality agreement kien gie mibghut lili hard copy jew soft copy pero` iffirmat u prova ta' pagament ta' mija u hamsa u ghoxrin Ewro kont imbaghad nghaddilhom id-dossier b'mod kunfidenzjali lilhom.

**Dr Victoria Buttigieg:** Qed issemmi confidentiality agreement u dossier, inti tista' forsi tesebixxi kopja taghhom dawn?

**Xhud:** Iva qeghdin hawnhekk ghandi u nista' nipprezentahom lill-Qorti.

**Qorti:** Huma zewg dokumenti Sur mahoney dawn?

**Xhud:** Zewg dokumenti, il-confidentiality agreement u d-dossier

**Qorti:** Liema dokumenti qeghdin jigu mmarkati rispettivament bhala dokumenti KM 1 u KM 2 illi l-Qorti anke bi qbil mal-konsulenti legali tal-partijiet qeghda tordna li jinzammu apparti u disponibbli biss lill-Qorti u lill-partijiet ghalkemm ghandhom jigu enumerati daqs li kieku jaghmlu parti mill-atti tal-kawza.

**Dr Victoria Buttigieg:** Issa tista' forsi tghidilna kemm intefghu offerti?

**Xhud:** Ehe kienu ntefghu tlett offeri, ma nafx jekk il-Qorti tridx tkun taf l-ismijiet pero kienu ntefghu tlieta, Henley & Partners, Artin Capital u KPMG.

**Dr Victoria Buttigieg:** Issa meta Artin Capital f’dan il-kaz ghax din il-kawza infethet minn din is-socjeta giet infurmata illi l-offerta taghha ma kenitx giet accettata da parti taghkom, inti rcevejt xi haga minn Artin Capital?

**Xhud:** Sussegwentment kont ircevejt mandat ta’ inibizzjoni

**Dr Victoria Buttigieg:** U qabel? Jien qeghda fl-istadju ta’ qabel

**Xhud:** Qabel iva kont ircevejt ittra min-naha taghhom fejn kienu qed jindikawli li kienu qed joggezzjonaw ghad-decizjoni tal-evaluation committee.

**Qorti:** L-ittra x’data kienet iggib jekk joghgbok Sur Mahoney?

**Xhud:** 16 ta’ Awissu 2013,

**Qorti:** Ix-xhud qieghed jintwera d-dokument D li jinsab f’pagna 15 sa 17 tal-process.

**Xhud:** Iva nikkonfermah.

**Dr Victoria Buttigieg:** X’gara wara li rcevejt dik l-ittra li ghadek kif rajt fil-process?

**Xhud:** Sussegwentement kont ircevejt imbaghad notifika bl-oggezzjoni ufficjali li kienet intbaghtet lic-chairman tar-review board, kienet datata 22 ta’ Awwissu

**Dr Victoria Buttigieg:** Din l-oggezzjoni jigifieri rcevejtha minghand Artin Capital huxh ekk.

**Xhud:** Iva d-dokument iffirmat minn Tanya Sciberras Camilleri.

**Dr Victoria Buttigieg:** Issa inti kont qed tghid ukoll li kien hemm xi inibizzjoni, forsi tghidilna in succint x’kont ser tghid?

**Xhud:** Iva kont ircevejt inibizzjoni mill-Prim Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Imhallef Gino Camilleri fejn kien hemm mandat ta' inibizzjoni maghmul mill-avukat Dr Tanya Sciberras Camilleri kontrija u kien hemm l-ewwel smigh fil-5 ta' Settembru.

**Dr Victoria Buttigieg:** Forsi fuq l-ezitu tispjega ftit?

**Xhud:** Fuq l-ezitu kien hemm qbil, il-mandat ta' inibizzjoni waqa' imbaghad ghaliex kien hemm malintiz fejn apparentement il-parti hasbet li l-kuntratt ser jigi ffirmat not withstanding li kien hemm appell, pero` ikkonfermajtilhom li l-appell kien qed jinstema' u ma kienx ser jigi ffirmat l-ebda kuntratt sakemm jigi deciz l-appell mir-review committee.

**Qorti:** Jigifieri li qed tghid lill-Qorti huwa Sur Mahoney huwa li l-Qorti ma kenitx mitluba biex taghti provvediment definittiv

**Xhud:** Ezatt

**Qorti:** Fuq talba ghal inibizzjoni.

**Xhud:** Yes

**Qorti:** In-numru tal-mandat ghal kull buon fini?

**Xhud:** 1272/13

**Dr Victoria Buttigieg:** Issa inti ghidt il kien hemm dan l-appell quddiem ir-review board, forsi tghidilna meta nqata' dan l-appell?

**Xhud:** Fil-fatt l-appell inqata' fl-20 ta' Settembru.

**Dr Victoria Buttigieg:** U x'kien l-ezitu?

**Xhud:** L-ezitu kien li r-review board kien ikkonferma d-decizjoni ta' l-evaluation committee u cioe` li Henley and Partners jinghataw il-concession biex ikunu jistghu jmexxu dan il-programm.

**Qorti:** Ix-xhud qieghed jintwera d-dokument li jinsab f'pagna 38 sa 46 tal-process.

**Xhud:** Nikkonfermah.

**Qorti:** Kontro ezami ta' l-avukat Dr Therese Comodini Cachia ghall-attrici nomine.

**Dr Therese Comodini Cachia:** Sur Mahoney semmejt l-evaluation committee, tista' tghidilna min kienu l-membri tal-evaluation committee?

**Dr Victoria Buttigieg:** Sur Imhallef ha jkolli noggezjona ftit peress li hawnhekk mhux qeghdin speci ta' ..................................................

**Dr Therese Comodini Cachia:** ……………ma Dr Tanya Sciberras Camilleri kenitx dejjem minn ghandek ghan-nom tal-ministeru fi kwalunkwe process li kien fih miexi dan il-process. Jigifieri sew meta harget is-sejha, sew waqt l-evaulation committee, sew waqt il-kumitat tal-appell.

**Xhud:** Principalment jien kont qed niddilja ma Dr Tanya Sciberras Camilleri pero` kien hemm istanza wahda li qed niftakar zgur jew zewg istanzi partikolari fejn one habba li ma kontx prezenti Malta imma kont Ghawdex bil-leave u t-tieni ghax inqalbu c-cirkostanzi fejn dahlet imbaghad il-kwistjoni ta' tendering procedure u proceduri ohrajn li nistqarr quddiem il-Qorti m'inix daqshekk kompetenti fihom and I designated lil Mr Tony Cauchi mill-ministeru taghna li huwa espert fuq din il-materja u kien ikkomunika ma Dr Tanya Sciberras Camilleri in one or two instances fuq il-procedura tat-tendering.

**Qorti:** Fil-fatt jekk tara d-dokumenti li hemm mehmuzin mar-rikors mahluf ghandek isisb referenza ghallinqas anke ta' korrispondenza elettronika.

**Dr Therese Comodini Cachia:** Jigifieri jien qed nifhem sew illi matul il-process kollu mis-sejha mill-pubblikazzjoni tas-sejha sakemm wasalna hawnhekk il-qorti dejjem kont inti bhala segretarju permanenti tal-ministeru illi kont inkarigat tikkorrispondi mar-rikorrenti.

**Xhud:** Eccetto dik is-situation li semmejt issa.

**Dr Therese Comodini Cachia:** Dik il-persuna li semmejt issa dan huwa impjegat mal-ministeru?

**Xhud:** Impjegat fil-ministeru iva

**Dr Therese Comodini Cachia:** Jigifieri meta kien qed jikkorrispondi nifhem li kien qed jikkorrispondi fil-fakulta` tieghu bhala ufficjal ta' dak il-ministeru

**Xhud:** Iva u ghan-nom tieghi

**Qorti:** Delegat minnek

**Xhud:** Delegat minni, fil-fatt kont nibghatlu korrispondenza elettronika biex nghidlu jiehu hsieb din il-parti tal-procedura.

**Dr Therese Comodini Cachia:** L-evaluation committee u r-review board min kien jiffacilita` l-komunikazzjonijet taghhom, inti jew persuna ohra?

**Xhud:** Dwar ir-review board kont jien, dwar l-evaluation committee minghalija, I stand to be corrected kien is-Sur Tony Cauchi li baghat l-ittri tal-hatra, tan-nomina taghhom, ma nafx jekk hux l-evaluation committee jew ir-review board.

**Qorti:** Jekk tista' tivverifika f'dan l-istadju jekk joghgbok.

**Xhud:** Iva mela le. Mela l-ittri lill-membri ta' l-evaluation committee kienu saru minghand is-Sur John Sant Direttur Generali fil-ministeru li again huwa responsabbli ghal strategija u sapport fil-ministeru taghna u huwa subordinate tieghi, fuq struzzjonijiet tieghi. Kienu ittri datati 6 t'Awissu.

**Dr Therese Comodini Cachia:** Tikkonferma li inti bghatt email, korrispondenza b'email lir-rikorrenti fejn ghidtilha qis li ma ssir l-ebda korrispondenza jew l-ebda komunikazzjoni ma' l-evaluation committee?

**Xhud:** Iva nikkonferma.

**Dr Therese Comodini Cachia:** Id-decizjonijiet kemm ta' l-evaluation committee kif ukoll tar-review board min ippublikahom, il-kumitat u l-board jew il-ministeru?

**Xhud:** Rigward il-komunikazzjoni tar-review board kont ircevejt id-decizjoni jien, kont qieghed l-ufficju, kont qieghed nistenna r-rapport biex jigi, u dak ircevejtu fl-20 ta' Settembru u mmedjatament kelli n-nies jistennew fl-information management unit biex japlowdjawha fuq il-

website dak il-hin stess, fil-fatt ghandi korrispondenza fil-file fit-tmienja u nofs neqsin sitt minuti kont bghatt l-appell li rcevejt

**Qorti:** Pero` Sur Mahoney min kien gharrafhom li kellhom jekk kellhom jibaghtu r-rapport lilek?

**Xhud:** Kien hemm korrispondenza bejni u bejn is-segretarju tal-board li ovvjament nahseb li kellu struzzjonijiet ukoll mill-Ufficju tal-Prim Ministru fejn kien jahdem is-segretarju biex jibaghtu l-korrispondenza lili. Iktar mili l-korrispondenza, id-decizjoni tal-appell.

**Qorti:** Ok

**Dr Therese Comodini Cachia:** Ir-rapport konklussiv kemm tal-evaluation committee kif ukoll tar-review board ghall-ministeru kien parir tal-kumitat u tal-board jew kienet decizjoni finali li bilfors irid joqghdo maghha?

**Xhud:** Jiena rigward id-decizjoni tar-review board kull ma kont messaggier, ircevejtu u ppublikajtu fuq il-website. Nistqarr quddiem il-Qorti li lanqas biss qrajtu, u onestament lanqas ghandi interess naqrah. Jigifieri dak li kull ma ghamilt, ircevejtu kif kien in toto ippublikajtu fuq il-website jew rather qabbadt lil min jippublikah fil-website jigifieri rcevejtu jien iva elettronikament.

**Dr Therese Comodini Cachia:** Mhux dik kienet il-mistoqsija

**Xhud:** Skuzani mela

**Dr Therese Comodini Cachia:** Il-ministeru lill-evaluation committe x'talbu parir fuq lil min jaghzel jew qallu kun inti l-qorti ta' l-ghazla u ghazel int?

**Xhud:** No l-ministeru ma dahalx fl-ghazla tal-membri

**Dr Therese Comodini Cachia:** Mhux hekk qed nghidlek

**Qorti:** Fil-konkluzjonijiet tar-rapport

**Xhud:** Tar-review board?

**Dr Therese Comodini Cachia:** Ta' l-evaluation committee …………….

**Xhud:** Ahna rcevejna d-decizjoni

**Dr Therese Comodini Cachia:** Il-ministru kien marbut bil-parir ta' l-evaluation committee jew le?

**Xhud:** Nassumi imma jien ma tkellimtx mal-ministru

**Dr Therese Comodini Cachia:** Le tassumix hawnhekk

**Xhud:** Ma nistax nitkellem ghan-nom tal-ministru jien

**Dr Therese Comodini Cachia:** Inti lilek meta inti ppublikajt min ha l-koncessjoni dik l-ordni ta' min ha l-koncessjoni lilek min tahielek?

**Xhud:** Il-membri tas-selection committee, tal-evaluation committee

**Dr Therese Comodini Cachia:** U l-membri tal-evaluation committee qabel ma ghaddewha lilek iddiskutewha mal-ministru?

**Xhud:** Ma nistax nghid, ma nafx min iddiskuta ma min. Pero again mhux ha nassumi, il-ministru ma nistax nitkellem ghan-nom tieghu ghax ma tkellmux mieghi ma nafx ma min setghu tkellmu.

**Dr Therese Comodini Cachia:** Ikolli nissospendi Sur Imhallef.

**Kontro ezami sospiz.**

**Din hija x-xhieda ta' l-intimat Kevin Mahoney minnu stess dettata fil-presenza tal-Qorti.**

---

**Niddikjara li ttraskrivejt, fedelment u bl-ahjar taghrif u hila tieghi, ir-registrazzjoni digitali.**

**Geraldine Rickard**
**Traskrittrici**